# 9 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 19.1

**It-Tnejn, 6 ta' Lulju, 2020**

Tkomplija tal-Laqgħa numru 19 li saret fis-6 ta' Lulju, 2020 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill fi Triq il-Kbira San Ġużepp fis-6.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Stephen Sultana | Sindku |
| Is-Sur Gianluca Falzon | Viċi Sindku |
| Dott. Darren Carabott | Kunsillier |
| Is-Sur Kursten Dimech | Kunsillier |
| Is-Sa Courtney Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sur Joe Vella | Kunsillier |
| Is-Sur Silvio Vella | Kunsillier |

**ASSENTI b'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Ħadd

**ASSENTI:**
Ħadd

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Michael Mifsud | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

**19.7.4 Tender: *Decorative Lamps / Irrigated Pots***

Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill iffirma MOU mal-Ministeru tal-Ambjent fejn il-Kunsill qed jingħata is-somma ta' €30k sabiex kif kien ġie diskuss fl-laqgħat preċedenti isir proġett ta' tisbieħ ambjentali fejn il-Kunsill kien iddeċieda li jsiru lampi dekorattivi bil-pjanti. Is-Sindku poġġa fuq il-mejda kwotazzjonijiet li l-Kunsill għandu fejn l-ispiża ta' kull arblu dekorattiv tiswa' madwar €2.8k. F'dan ir-rigward il-Kunsill qabel li tinħareġ tender fejn qabel tinħareġ it-tender ġie suġġerit sabiex nieħdu parir mingħand il-Perit tal-Kunsill jekk hemmx bzonn li jitqabbad engineer minħabba l-ispeċifikazzjonijiet tat-tender.

Is-Sindku ppropona sabiex isiru bejn 15 u 20 arblu dekorattiv. Is-Sur Silvio Vella ssekonda lis-Sindku filwaqt li l-membri prezenti qablu unanimament.

### 19.7.5 *Expression of Interest*: Ċentru ta' Matul il-Jum

Is-Sindku qal lill-membri tal-Kunsill li l-kuntratt tal-kiri tad-*Day Centre* wasal biex jintemm u għaldaqstant trid tinħareġ sejħa għal-espressjoni ta' interess. Wara diskussjoni kien hemm qbil sabiex il-kirja taċ-Ċentru ta' Matul il-Jum tkun għal tlett (3) snin sabiex fil-frattemp il-Kunsill jara jieħux parir bankarju għal possibilta li ninvestu f'post alternattiv.

### 19.7.6 *OK Project*

Is-Sindku talab lis-Sur Kursten Dimech sabiex jinforma lill-membri dwar il-proġett *Opportunity Knocks*. Is-Sur Dimech informa lill-membri li l-Fondazzjoni tas-servizzi tas-*Social Welfare* sabiex tingħata għajnuna lil dawk iż-żagħżagħ ta' bejn it-13 u l-25 sena li jkun f'riskhu ta' esklużjoni socjali u b'hekk dawn ikunu jistgħu jintegraw lura fis-soċjeta. Min-naħa tal-Kunsill irid li issir avviż fuq il-media socjali tal-Kunsill sabiex dawn iż-żagħżagħ li għaddejjin minn dawn il-problemi javviċinawna u l-Kunsill ikun jista; jirrakomandhom mal-FWS. Wara diskussjoni ġie deċiż li l-Viċi Sindku kien ser jagħmel poster sabiex dan jitpoġġa fuq il-paġna ta' *Facebook* tal-Kunsill.

Il-membri qablu unanimament.

### 19.7.7 Pubblikazzjoni ta' ktieb

Is-Sindku informa lill-Membri li l-Kunsill li waslet talba mingħand is-Sur Alfred Mizzi sabiex il-Kunsill jippubblika ktieb fuq il-biografija ta' Patri Gustin Sant. Dan il-ktieb inkiteb mis-Sur Mizzi stess u talab lill-Kunsill Lokali jekk huwiex lest li jippubblikah.

Wara diskussjoni l-Kunsil qabel unanimament sabiex il-Kunsill jippubblika dan il-ktieb fuq il-format ta' A5: 500 ktieb ta' madwar 208 paġna il-wieħed, iswed u abjad u l-qoxra ta' barra tkun bil-kulur. Kien hemm qbil sabiex dan il-ktieb jitqassem fl-iskola ta' Santa Venera u jiġi ppreżentat fl-14 ta' Novembru 2020.

Is-Sur Gianluca Falzon irrimarka wkoll sabiex dan il-ktieb ikun qiegħed on-line sabiex wieħed ikun jista' jaċċessah. Il-Membri qablu unanimament.

## 19.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitat u/jew Sotto Kumitati

F'din il-laqgħa ma ġewx preżentati minuti tas-sotto-Kumitati.

## 19.9 Kunsiderazzjonijiet u Approvazzjonijiet tal-Iskeda tal-Pagamenti

L-Iskeda tal-pagamenti flimkien mal-Petty Cash ġew diskussi u approvati.

Skeda ta' pagamenti: Proponent: Silvo Vella u Sekondant: Kursten Dimech
Petty Cash: Firmatarji – Silvio Vella u Kursten Dimech

## 19.10 Ilmenti

**19.10.1** Il-Kunsill iddiskuta l-ilmenti li hemm pendenti fis-sistema minn numru 303 sa 451.

| | |
|---|---|
| 303 | Ħaddiema Assenjati |
| 307 | Le jinħoloq periklu |
| 311 | Infurzar permezz tal-Pulizija |
| 315 | Tiġi kkunsidrata mal-Budget tas-sena d-dieħla |
| 316 | Worl Order |
| 320 | Risposta simili għal "Komunikazzjonijiet mill-Kunsilliera" |
| 323 | Ma tistax issir għax hemm diga' unloading bays ohra |
| 326 | Infrastructure Malta |
| 327 | Work Order |
| 333 | Nivverifikaw min huwa s-sid. |
| 335 | Tranport Malta |
| 336 | Work Order |
| 340 | Diga hemm |
| 342 | Work Order |
| 354 | Bħal ilment 320 |
| 355 | Qed tiġi ndirizzata mill-Cat Feeders |
| 356 | Pjanti approvati mill-PA u KNPD. Ser ikun hemm aċċess dirett mill-ġnien |
| 361 | Work Order |
| 363 | Qed issir ix-xogħol minn Infrastructure Malta |
| 370 | Ħaddiema Assenjati |
| 371 | Issir tabella tinħareg WO |
| 372 | Ma tistax issir |
| 373 | Triq diga' espropjata |
| 375 | Ninfurmaw lil Mita |
| 381 | Micamed |
| 382 | Hemm CCTV |
| 383 | Issir laqgħa magħhom |
| 385 | 1. Infurzar<br>2. U-Bars ma jistgħux isir fit-triq. |
| 387 | Work Order |
| 390 | Work Order |
| 392 | Contracts Manager |
| 397 | Contracts Manager |
| 399 | Isisr no parking permits mill-Kunsill |
| 403 | 1. Applikazzjoni ma' TM<br>2. Ħaddiema Assenjati<br>3. Hemm proġett li jrid isir |
| 407 | Work Order |
| 409 | Transport Malta |
| 415 | Hemm waħda |
| 418 | Contracts Manager |

| | |
|---|---|
| 422 | Logografix |
| 437 | Applikazzjoni ma’ TM |
| 440 | Ma tistax issir |
| 443 | MELP |
| 447 | Contracts Manager |
| 448 | Contracts Manager u filkas tinħareġ WO |
| 451 | Inkellmu lil Ms Buttgieg u jekk taqbel issir applikazzjoni ma TM |

Fit-8:00pm is-Sa Courtney Farruga talbet sabiex tiġi skuzata għall-kumplament tal-Laqgħa minħabba impenji ta’ xogħol.

**19.10**.2 Ilmenti li jqumu minn laqgħat preċedenti

| | |
|---|---|
| 54 | Work order |
| 60 | Tiġi verifikata |
| 109 | Tista’ ssir |
| 294 | Contract Manager jiggwida lill-ħaddiema assenjati sabiex isiru double yellow lines |

## 19.11 Mozzjonijiet

## 19.11.1 Ġbir tal-iskart tar-riċiklaġġ u fuljett

Is-Sindku stieden lil Dott Carabott sabiex jaqra din il-mozzjoni liema mozzjoni tinsab annessa bħal Anness 1.

Wara diskussjoni is-Sindku qal li din il-mozzjoni li ġiet preżentata fl-4 ta’ Ġunju ma jistax jittieħed vot fuqha in vista li proposta simili kienet diġa ġiet diskussa u deċiża.

Spjega li dan is-suġġett kien ġie diskuss fil-laqgħa li kienet saret fit-23 t’April 2018 fejn fl-istess laqgħa kien ġie diskuss il-kuntratt attwali li l-Kunsill Lokali għandu mal-GreenPak. Fl-imsemmija laqgħa kien ġie kkomunikat lill-Kunsill f’korrispondenza separata mibgħuta lis-Sindku fit-18 t’April 2018 lill-istess GreenPak fejn kien ta r-raġunijiet tiegħu għad-diversi suġġerimenti mressqa mill-Kunsill fuq ir-riċiklaġġ. Apparti minn hekk l-istess suġġeriment issemma’ wkoll matul din il-leġislatura fejn qam minn ilment numru 446/2019.

Oltre, vis a vis il-fuljett *multi lingual* – din ukoll kienet ittieħdet deċiżjoni fl-aħħar laqgħa tal-Kunsll u li qamet minn ilment 268 (ii)/2020 fejn kien hemm qbil ukoll li jinħateġ u bħalissa qegħdin fi stadju li jsir ukoll.

## 19.11.2 Użu ta’ Fondi mill-*European City Facility*

Is-Sindku stieden lil Dott Darren Carabott sabiex jaqra din il-mozzjoni liema mozzjoni tinasab annessa bħal Anness 2.

Wara diskussjoni s-Sindku qal illi qabel ma tittieħed deċiżjoni finali fuq kif ser jintefqu l-flus abbinata mat-tali proġett jitfassal rapport dettaljat dwar x'ġie diskuss f'dan il-webinar, fejn għal istess seminar kien attenda Dott Carabott, hekk kif ukoll kif kien ġie diskuss fl-aħħar laqgha/tal-Kunsill li saret fil-11 ta' Mejju 2020 u dan għandu jiġi preżentat mhux aktar tard mill-aħħar ta' Lulju 2020

Il-Kunsill Lokali mbagħad ikun f'pożizzjoni aħjar li jiddeċiedi liema proġetti jistgħu jsiru abbinati mal-istess tema.

Għaldaqstant, is-Sindku ppreżenta addenda f'dan is-sens (Anness 3) liema addenda ġiet issekondata minn Silvio Vella.

Dott. Carabott talab ruling sabiex jittieħed vot fuq il-mozzjoni oriġinali.

Is-Sindku ta' ruling u ġie deċiż li jittieħed vot fuq l-addenda u jekk ma tgħaddiex imur fuq il-mozzjoni oriġinali.

Voti favur - 4 membri
Voti kontra – ma kien hemm ħadd
Astensjonijiet – 2 membri

## 19.12 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa intemmet fid-9:15 pm u ġiet aġġornata għat-3 t' Awwissu 2020, fis-6.30pm

**IFFIRMATA**

**IFFIRMATA**

Stephen Sultana
Sindku

Michael Mifsud
Deputat Segretarju Eżekuttiv

Konfermati, illum 3 t' Awwissu, 2020